# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija
(Spettur Diane Vella )
Vs
Jamie Azzopardi

Illum 20 ta’ Jannar, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta’ Jamie Azzopardi bin James u Maica nee’ Martin imwieled fil-01/09/1997 u joqghod Villa Biancaneve, Triq l-Imnarja, Dingli ID 0348797M

Billi int akkuzat talli fil-30 ta’ Marzu, 2023 ghall-habta ta’ 18.20 hrs f’Triq it-Tigrija, Siggiewi soqt vettura b’numru ta’ registrazzjoni ILY363;

1. U talli soqt l-imsemmija vettura b’manjiera traskurata, Kap 65 Art 15(1)(a)(2);
2. U altar talli b’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta' tharis tar-regolamenti,, ikkagunajt hruq, jew ghamilt xi hsara jew hassart jew gharraqt xi haga, minhabba f’hekk Nicholas Grech batgha offiza gravi fuq il-persuna, minghajr il-konsegwenzi msemmijin

fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta skond kif iccertifika Dr. Jekaterina Juskevic MD mill-MDH Kap 9 Art. 328(c).

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.
Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minhabba li tinfliggi il-piena skond il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill-L.S. 65.18 Art. 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda.
Rat l-artikoli 328(c) Kap 9 15(1)(a)(2) tal-Kap 65 L.S. 65.18 Art 36B fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta’ Malta

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.
Semghet ix-xhieda tal-imputat.
Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.
Semghet it-trattazjoni.
Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minhabba li tinfliggi. il-piena skond il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk. kif stabilit mill-L.S. 65.18 Art. 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda.

**Ikkunsidrat**

**Dr Nicole Marie Zerafa u PS 2329 Tiziana Azzopardi** xehdu permezz ta’ affidavit

**<u>Dr. Nicholas Grech, xehed hekk jghid:</u>**

Pros: Kellek xi incident awtomobilistiku?

Xhud: Iva fit-30 ta` Marzu 2023 kont ghaddej mit-triq it-tigrijja u f`daqqa wahda ma kelliex fejn immur,

Pros: Lokalita`?

Xhud: Hememkk jigi bejn qisu fl-outskirts umbaghad dak in-nhar meta gew il-pulizija min tar-Rabat u kemm ta' ħaż-Zebbuġ

minħabba li hemmhekk jaqa' qisu eżatt bejn diversi lokalitajiet qisu qiegħed  bejn is-Siġġiewi ħaż-Zebbuġ u r-Rabat jaf biha għandu jkun imma minħabba li kif inhi maqsuma triq fil-fatt ħadu ħsieb ta' il-pulizija ta' ħaż-Zebbuġ.

Pros: X`ħin kien bejn wiehed u ieħor sinjur?

Xhud: Il-ħin ma niftakarx naf li kien filgħaxija wara wara s-sitta għax naf li kont sejjer lejn it-training tal-baskitbol tiegħij jiena ngħaddi minn dik it-triq jiġifieri kważi kuljum minħabba f'hekk.

Pros: Liema karozza kont ghaddej sinjur?

Xhud: Toyota Aygo  umber plate ma niftkarax il-karozza ma kinitx tiegħi kont qed isuq il-karozza xi ħadd ieħor.

Qorti: Kont sejjer liema direzzjoni?

Xhud: Direzzjoni lejn in-naħa tar-Rabat.

Qorti: Waqt kont qed issuq x'ġara?

Xhud: Jien kont għaddej mit-triq jiġifieri ngħaddu minnha ħafna kemm-il darba, jiġifieri tal-inqas darba kuljum u f`daqqa wahda ħarġet karozza kienet Ford Kuga ma kellhiex fejn iktar immur ippruvajt nibbrejkja imma.

Qorti: Jigifieri harġet minn fuq Stop Sign?

Xhud: Eżattament jiena kont miexi dritt.

Pros: Għamlilna salib minn fejn tiftakar li ħarġet il-karozza?

Xhud: Ha naghmel vleġġa.

Pros: Min kien qed isuqha dik il-karozza?

Xhud: Jamie Azzopardi l-imputat.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputat.

Pros: Konsegwenza ta dan l-incident inti u l-karozza x`garalhom?

Xhud: Il-karozza spiċċat total loss jiena spiċċajt fis-sens b' ċertu ġrieħi għandha subajha għadu s'issa ma jistax jitgħawweġ kompletament u kif semmejt jiena nilghab baskitbol dak il-kumplament tas-season kelli nitilfu għax ma stajtx nibqa' nilgħab jiġifieri karozza total loss bla karozza għax jien kont nissellef il-karozza ta' dak iż-żmien it-tfajla tiegħi.

Pros: M'għandix iktar mistoqsijiet.

Avu: Kontro Ezami, ara Sur Grech għedtilna li kont sejjer il-baskitbol sewwa training fi x'ħin kien it-training?

Xhud: Training filgħaxija dejjem ikun.

Avu: Għal x`ħin jibda normalment?

Xhud: Jibda għal xis-sebgħa u nofs jista' imma jkolli xi ġranet fejn jibda fis-sitta ma niftakarx eżatt ġurnata kienet naf li kien it-30, jiġifieri skont x' tiġi 30 nista ngħidlek eżatt x`ħin kien.

Avu: Mela fiz-żona fejn kont gej inti sewwa tiftakar xi ispeed kont qed isuq?

Xhud: Ma nafx ma kontx għaddej fuq speed għoli għax kieku kont nispiċċa ħafna ghar, ma nafx kemm ma kontx qed naqbez l-40.

Qorti: Hemmhekk hemm xi speed restrictions?

Xhud: Le m`hemm xejn.

Pros: Dawk it-toroq rurali snjura gudikant.

Avu; Nghidlek sew fil-parti fejn kont gej inti hemm il-ħitan għoljin hemm il-ħitan tas-sejjieħ għoljin fiż-żona tal-kappella tal-isqof biex niftiehmu għandek amment?

Xhud: Hemm kapella iva.

Avu: Gnubijiet minnha hemm il-ħitan daqsxejn ghaoljin?

Xhud: Jiġifieri mhumiex għoljin biżżejjed li tgħattilek il-kappella.

**<u>Jamie Azzopardi, xehed hekk</u>**

Qorti: IInt kif gara l-ncident hrigt minn fuq l-stop sign?

Xhud: Mela jien waqaft fuq l-istop sign ħarist lejn ix-xellug lemin l-mera ma stajtx għax kienet maħmuġa kif hemm fuq ir-rapport u ħriġt bil-galbu tiegħi iss hu kien ġej bis-saħħa fil-veru ħarġuli l-airbags tal-ġenb u laqatni fiz-zewg bibien tiegħi. Jien kont ilħaqt ħriġt sew.

Qorti: Meta toħroġ kollox taqsam it-triq sinjur mhux bicca minnek.

Xhud: Jiena laqtni fil-bibien tieghi fil-genb.

Qorti: Mhux fuq wara laqqtek?

Xhud: Le mhux fuq wara.

Qorti: Jigifieri kont ghadek ma gejtx f`postok?

Xhud: Fil-bibien tiegħi laqatni.

Qorti: Jekk kienet mahmuga għaliex ma waqafx u rajtx sew għax jekk kienet mahmuga u ma tajtx tara suppost ma hrigtx.

Xhud: Le le jiena waqaft ħarist lemin xellug issa triq qiegħda hemmhekk hemm qisha liwja hemm il-ħaxix għoli.

Qorti: Allura missek ma ghaddejtx minn hemmhekk jekk tista toħroġ b'mod perikoluż.

Avu: Dwar l-ispeed tieghu tiftakar xi speed kien gej?

Xhud: Hu kien gej bi speed qawwi.

Qorti: Kien gej b`iktar minn 80?

Xhud: Kien ghaddej bi speed qawwi biżżejjed li karozza żgħira ma' karozza kbira ħaġa hekk.

Qorti: Kien iktar minn 80?

Xhud: Ma kienx jaf hu ma nistax naħseb inkun naf jiena eżattament.

Qorti: Mela ma tafx emm kien ghaddej sinjur.

Xhud: Brejkijiet ma kienx hemm għax il-pulizija kejlu ma kienx hemm brejkijiet. Issa l-pulizija kienet kellmitni qaltli issa

nċempillek kif ħa nibqgħu ċemplitli qaltli kollox sew ir-rapport tiegħu orrajt ċemplitli wara 15 il-ġurnata qaltli dan kiser idejh wara hmistax, wara hmistax hariglu l-ksur wara ħmistax-ta' dakinhar.

**Ikkunsidrat**

L-imputat wera nuqqas ta' *proper lookout* meta hareg minn fuq *stop sign* minghajr ma ha d-dovuti prekawzjonijiet u kkawza l-incident *de quo.* Dan jirrizulta f'sewqan perikoluz . Bhekk hu hati ta' l-ewwel (1) imputazzjoni  Ma irrizultatx it-tieni(2) imputazzjoni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 328(c) Kap 9, 15(1)(a)(2) tal-Kap 65 L.S. 65.18 Art 36B  fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda  tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Jamie Azzopardi hati tal-ewwel  imputazzjoni fil-konfront tieghu  u tikkundannha ghal multa ta'elf u mitejn euro (1200) ,  sospensjoni tal-licenzji tas-sewqan ghal tlett (3) xhur u sitt (6) punti fuq il-licenzji tas-sewqan. Ma issibhux hati tat-tieni imputazzjoni u tilliberah minn kull htijha u piena dwar l-istess.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**